# Smigħ Tikka Malti 5a

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-5a/**

*Paġna 11*

Das-sajf tlajt għall-ewwel darba fuq il-funikular. Dan ikun qisu kabina żgħira li twassal lin-nies minn postijiet baxxi għal postijiet iktar għolja, u lura. Jiena u l-familja tiegħi morna Praga u tgħidx kemm ħadna gost. Fit-tieni jum tas-safra tagħna, imbagħad, qbadna l-funikular li tellagħna sal-għolja Petrin. Ma bżajtx għax ma jgħaġġilx wisq. Aħna u telgħin rajna ħafna spazji mimlija ħdura u ġonna kollha fjuri kkuluriti. Fuq nett, hemm ħafna ftuħ. Hemm il-labirint tal-mirja u l-planetarju. Kien ukoll ħafna klieb ma' sidhom u tgħidx kemm dehru kuntenti f'dak il-ftuħ kollu. Il-belt tidher żgħir ħafna minn dak l-għoli kollu imma stajt nagħraf il-pont imsemmi għar-Re Charles IV. Domna neżlin daqskemm domna telgħin, xi 10 minuti. Imma dawn l-10 minuti kienu sbieħ wisq. Tant għoġobni l-funikular li wara mort infittex fuqu u sibt li ivvintah l-inġinier Żvizzeru Carl Roman Abt. Tgħid f'Malta għad ikollna wieħed?

*Paġna 31*

Ġieli smajt bl-iskuter? Jew forsi għandek waħda? Taf minn fejn ġiet l-ewwel skuter?

L-ewwel skuter ivvintawha t-tfal stess! Daqs seklu ilu, it-tfal qabdu r-roti tar-*rollerskates* u waħħluhom ma' biċċa njama, imbagħad żidulha minn fejn jistgħu jaqbdu. Għalkemm l-ewwel skuters ma kinux pinna u kellhom id-difetti tagħhom, xorta waħda kienu jaħdmu. U llum għadhom popolari immens.

Kien hemm żmien fejn ma baqgħux daqstant popolari. Kellhom kompetizzjoni mir-roti, mir-*rollerskater* stess u anke mill-*iskateboards*. Imma darba, bankier Żvizzeru li kien jismu Wim Ouboter ta ħajja ġdida lill-iskuter. Ried joħloq verżjoni moderna ta' dik li kellu fi żmienu! U ried joħloqha biex jasal sal-ħanut favorit tiegħu li kien ibigħ iz-zalzett! Kien ivvinta skuter ċkejkna, b'żewġ roti f'linja waħda, skuter żgħira u ħafifa biex iġġorrha mal-kotba u l-affarijiet l-oħrajn kollha. Oħt Wim kienet għal qalbha tgħidx kemm, għax peress li saqajha ma kinux indaqs, din l-iskuter kienet tgħinha tivvjaġġa.

Fis-sena 2000, il-kumpanija Razor bdiet tagħmel tipi ġodda ta' skuters u f'pajjiżi kbar bħall-Ġappun u l-Istati Uniti nħolqot għagħa sħiħa. Dawn l-iskuters kienu magħmulin mill-aluminju u allura kienu jifilħu iżjed tant li anke l-kbar setgħu jixtru waħda u jsuquha. Peress li kienu magħmula mill-aluminju ma kinux jissaddu malajr u kienu jiġu f'ħafna kuluri, forom u qisien. Il-fatt li ma kinux jagħmlu wisq storbju għamilhom iktar popolari.

Illum il-ġurnata, l-iskuters reġgħu saru popolari u b'differenza minn qabel, issibhom f'iktar materjali u kuluri. Barra minn hekk, dak li jkun jieħu gost jirkibhom, ma jonfoqx ħafna flus, inaqqas it-traffiku u ma jkunx qed jagħmel ħsara lill-ambjent. U ngħiduha kif inhi, dak li jkun, jagħmel ukoll xi ftit tal-eżerċizzju.

*Paġna 18*

Sekli ilu kien hemm żewġ aħwa li kienu joħolmu ħafna. Dawn kienu l-aħwa Wright: Orville u Wilbur. Wilbur, il-kbir, twieled fis-sittax ta' April 1867 u Orville twieled erba' snin wara. Dawn iż-żewġ inġiniera innovattivi li kibru f'Dayton, Ohio, kienu t-tfal ta' ministru. Kellhom ħafna kotba d-dar, kienu tfal kurjużi immens u jistaqsu ħafna mistoqsijiet!

Il-ġugarell favorit tagħhom kien qisu ħelikopter li kien jaħdem b'lastku li jdawwar il-paletti tiegħu. Affaxxinati mill-ġugarell u l-mekkaniżmu tiegħu, l-aħwa kienu jittamaw li xi darba anke huma jibnu magna li ttir.

Meta kibru, fetħu ħanut li fih kienu jsewwu u jibnu r-roti. Il-ħanut kien jismu Wright Cycle. Sadattant, l-interess fit-titjiriet kien kiber ġmielu, speċjalment fil-*gliders*, u allura qatgħuha li jibdew jaħdmu fuq il-bini t'ajruplan. L-esperimenti tagħhom bdewhom fuq it-tajriet — kienu jaraw kif itiru, kemm jitilgħu 'l fuq u jekk daqsijiet u forom differenti jagħmlux differenza fit-titjira.

Fis-sbatax ta' Diċembru tal-1903 ħolqu l-ewwel ajruplan li kien itqal mill-arja; ajruplan li stajt tiggwidah ukoll. Din kienet ħaġa perikoluża immens għax l-ajruplan seta' jaqa' u jweġġgħu n-nies. Ippruvaw ħafna u ħafna forom differenti, ngħidu aħna ajruplani b'ġwenħajn diversi u bnew mina tar-riħ biex jaraw kif itir ajruplan bi ġwienaħ differenti.

L-ewwel titjira tagħhom kienet f'North Carolina. Sal-1905 kienu bnew ajruplan tajjeb ħafna. Kienu se jtiru bil-ferħ! Imma komplew ibiddlu u jirranġaw id-disinn tagħhom, u l-aħbar tal-ajruplan xerrduha mal-erbat irjieħ tad-dinja fl-1908 u wara baqgħu jibnu l-ajruplani biex iżommu r-reputazzjoni tajba u l-fama tagħhom. Kieku qatt ma ivvintaw l-ajruplan, forsi llum għadna ntiru f'ballun tal-arja!

*Paġna 52*

Sam: X'temp sabiħ illum, ħej!
Emma: Trid ninżlu sal-Wied?
Sam: Mela le, tlaqna!
Emma: Isa ħaffef ħalli ma tilħaqx tikkarga x-xemx.
Sam: U ġej!

*Iktar tard.*

Sam: Jien ġa għajjejt nimxi.
Emma: Trid nieqfu?
Sam: U le, x'nieqfu!
Emma: Il-Gudja għadu jidher minn hawn.
Sam: Issa nkomplu mexjin u naraw fejn iwassal dal-wied.
Emma: Ara s-siġar kemm huma sbieħ!
Sam: Tassew!
Emma: Dawn siġar taż-żebbuġ u hawn tal-ħarrub ukoll.
Sam: Aħħ dak inħobbu jien!

*Ftit wara.*

Emma: Int kont taf li hawnhekk żona ta' importanza ekoloġika?
Sam: Eko… xiex?
Emma: Ekoloġika … jiġifieri jikbru pjanti partikolari bħas-Sedum tal-Istilla.
Sam: Jiġifieri jaqblilna ma npoġġux Has-Saptan fil-periklu biż-żibel jew it-tankijiet taż-żejt.
Emma: M'hawnx għalik int!
Sam: Kieku kulħadd jagħti ftit kas ikollna ħafna iktar nadif u sabiħ.

*Paġna 53*

Dik li bil-Malti nsejħulha "stilla tal-baħar" bl-Ingliż magħrufa bħala "starfish". Imma fil-fatt, din l-ispeċi mhix ħuta għax m'għandhiex xewka tad-dahar. Għalhekk tagħmel parti mill-grupp ta' speċi li nirreferu għalih bħala invertebrati. L-isponoż tal-baħar jagħmlu parti minnu wkoll.

Hemm iktar minn 1,500 speċi ta' stilel tal-baħar. Dawn jgħixu fl-oċeani madwar id-dinja u jgħammru max-xtajtiet blatija, fil-ħaxix tal-baħar u fis-sikek tal-qroll. Xi stilel tal-baħar tista' ssibhom ukoll fil-qiegħ ramli tal-baħar. Jagħlqu sninhom ħafna u ħafna drabi għax jgħixu madwar 35 sena.

Hafna minn dawn l-istilel għandhom ġilda bil-ponot. Qishom stilla għax ġisimhom tond u minnu joħorġu ħamest iswaba'. Is-swaba' tagħhom, bħal tal-qarnita, kapaċi jeħlu mal-wiċċ li jkunu miegħu jew iserrħu fuqu. It-tarf tas-swaba' huwa wkoll sensittiv immens: sensittiv għad-dawl, għad-dlam u anke jgħinhom biex isibu l-ikel.

U x'ikel! Dawn l-ispeċi jħobbu jieklu l-molluski bħal ngħidu aħna gambli u bebbux tal-baħar. Jieklu billi jestendu l-istonku tagħhom minn ħalqhom. Imbagħad sustanzi mill-istonku jibdew jiddiġerixxu l-ikel, u meta jkunu ħatfu kollox, l-istonku jerġa' jidħol f'postu.

L-istilla tal-baħar tista' tittiekel ukoll mill-klieb il-baħar. U minn stilel oħra tal-baħar ukoll. Ħeqq! Dik hi l-katina tal-ikel. Biex jipproteġu lilhom infushom dawn l-invertibrati ħolqu diversi mekkaniżmi ta' difiża. Minbarra il-ġisem ippuntat li għandhom, uħud minnhom għandhom kuluri li jidħlu mal-bqija tal-ambjent li jkunu fih. L-istess bħall-kamaleonte. Uħud minnhom għandhom kulur oranġjo, oħrajn vjola, oħrajn ħomor u oħrajn iktar minn kulur wieħed. X'tiżwiqa sabiħa dik.

*Paġna 70*

**L-Immarkati**

Fi Sqaq l-Infern, qalb id-dlam u r-riħ u l-weraq itir ma' kullimkien bdew jitfaċċaw nies libsin iċ-ċraret. Kollha kellhom mixja stramba u kollha kellhom xi ħaġa stramba fis-sura tagħhom ukoll.

F'din il-purċissjoni twila ta' nies li kollha kienu deħlin fl-isqaq, kien hemm min kellu xagħar twil twil ikaxkar mal-art qisu l-kuda ta' xi libsa tat-tieġ u kien hemm min kellu dwiefer twal twal qishom xi serp. Kien hemm tlieta li kellhom denb bħal tal-klieb. Waħda kellha par widnejn ippuntati bħal tal-qtates li kienu ħerġin minn qalb ix-xagħar twil u griż.

Kien hemm numru minnhom li kellhom munqar u kien hemm oħrajn li kellhom ir-rix, jew anki l-ġwienaħ! Madankollu ma kinux itiru. Xi ftit minnhom kellhom saqajhom bħal ta' tiġieġa. Dawn kienu jgħidulhom l-Immarkati u kienu kollha deħlin bi ħġarhom fi Sqaq l-Infern.

Kienu donnhom qed ilissnu xi ħaġa imma xejn ma kien jinstema' jew jinftiehem. Imbagħad, f'daqqa waħda, malli waslu quddiem l-unika bieb li kien hemm fl-isqaq, mara bil-ġilda tleqq bħal tal-ħut u b'riħa tinten daqs tal-ħut, ħabtet il-bieb u għajtet, "Ġejna għall-fidda, ġejna għall-fidda tal-Fiddien!"

U f'daqqa waħda, xħin l-Immarkati l-oħra kollha semgħu lil din il-mara qisha ħuta tgħajjat, bdew jgħajtu f'daqqa huma wkoll: "Ġejna għall-fidda, ġejna għall-fidda tal-Fiddien!"

L-unika dar li kien hemm fi Sqaq l-Infern kienet dar ċkejkna u sempliċi, qadima u tipikament Maltija. Fiha kienet toqgħod waħda mara jisimha Antida. Din il-mara kienet xwejħa u kerha. Malli semgħethom bdiet miexja lejn il-bieb. "U iva ġejja, agħtuni daqsxejn nifs għax saqajja m'għadhomx li kienu," qalet.

Meta feħet qalulha li ġew għall-fidda. Antida għamlitilhom sinjal b'rasha u qaltilhom li jridu jinżlu l-garigor li jagħti għall-kantina. Hemmhekk kienet ħbietha l-fidda li kienet serqet mingħand in-nies.

U hekk għamlu l-Immarkati. Wieħed wieħed u waħda waħda, purċissjoni twila. Kollha niżlu fil-kantina biex jiġbru l-fidda tal-Fiddien.

Silta addattata minn Sqaq l-Infern<br>ta' Simon Bartolo u Loranne Vella

*Paġna 87*

Il-ħanut tal-kostumi tas-Supereroj li hemm fil-kantuniera jmorru għandu ħafna nies minn kull parti tal-gżira. Dan il-ħanut għandu 8 sulari imburġati bid-drapp għall-kostumi tas-Supereroj. Fuq nett għandu tabella tixgħel li fuqha hemm miktub Tal-Kostumi b'ittri kbar. Ma tistax ma tarahx għax jidher minn kullimkien!

Jekk tkun ġej b'tal-linja, l-aħjar tieqaf ħdejn il-knisja u mbagħad timxi t-triq ta' faċċata tal-knisja sa ma tasal fit-tarf tat-triq. Jekk tkun ġejja bil-karozza, jaf issib parkeġġ taħt l-art imma ġeneralment dan ikun mimli. L-aħjar tipparkja ħdejn il-wied, fit-tarf tar-raħal u timxi minn hemm. Trid taqbad Triq il-Kbira u titlagħha kollha sa ma tasal ħdejn il-knisja minn wara u mbagħad timxi t-triq kollha ta' faċċata tal-knisja.

In-nanna tiegħi ma toqgħodx wisq bogħod. Meta mmur għand Tal-Kostumi mmur magħha. L-ewwel nimxu t-triq tagħha sat-tarf, imbagħad induru fuq il-lemin, nimxu ftit u naqbdu l-ewwel waħda fuq ix-xellug.

Dejjem tkun trid tibda minn fuq. Allura naqbdu l-lift sat-tmien sular: is-sular mimli kostumi tan-nisa. Taħtu hemm sular mimli kostumi tal-irġiel. Fis-sitt sular hemm il-bellus u satin kull kulur għall-mantelli tas-Supereroj. Il-ħames sular għandu s-suf: suf imrembel, suf irqiq, suf għall-ġerżijiet u suf għall-kutri. In-nanna darba ħititli kostum b'suf lelà, pistaċċa u isfar jgħajjat.

Ir-raba’ sular għandu l-ġilda sintetika jiġifieri ġilda li mhux ta’ veru. Tista’ tagħmel kostum tal-ġilda jekk trid! It-tielet sular għandu l-kostumi tat-tfal It-tieni sular mimli kaxxi kbar b’kostumi  li ħarġu mill-moda u allura jkunu rħas ħafna. Isfel nett hemm ħafna aċċessorji bħal buttuni u żippijiet u x’naf jien. Inġib għajnejja wara widnejja.

Ġeneralment in-nanna tixtri xi ħaġa minn kull sular.  Mhux ta’ b’xejn  tkun trid li nibdew minn fuq nett nett!